MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 6/2013

Anthony Lautier
Vs
Jeffrey Zerafa u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2013 gie kjamat fil-kawza Francis Magro.

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab is-somma ta' elf sitt mija u sitta u tmenin Ewro u tmeienja u erbghin centezmu (€1686.48) rapprezentanti kumpens ghal salvatagg rez mill-attur lil konvenut meta ghanu jirkupra l-luzzu tieghu bin-numru MFB 241 minn qiegh il-bahar, qrib Kemmuna, wara li dan ghereq nhar it-12 ta' Awwissu 2010.

Ra' r-risposta tal-konvenut fejn fl-ewwel lok eccepixa l-inkompetenza ta' dan it-tribunal sabiex jiehu konjizzjoni tal-talba attrici stante illi tali kompetenza tvesti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili skont l-artikolu 345 tal-Kap 234; fit-tiei lok eccepixxa illi x-xogholijiet imwettqa mill-attur ma

jammontawxx ghal zalvage fit-termini tal-ligi; fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess l-ammotn mitlub mill-attur hu esegerat u huwa oltre l-parametri stabbiliti skond l-Artkolu 345 (2) tal-Kap 234. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tas-17 ta’ Gunju 2013 li permezz tieghu gie kjamat in kawza Francis Magro.

Ra illi Francis Magro ma prezentax risposta formali izda fis-seduta tat-3 ta’ Lulju 2013 il-kjamat fil-kawza peremz ta verbal maghmul waqt dik is-seduta assoccja ruhhu mal-konvenut fir-risposta tieghu u ghamel tieghu dik ir-risposta.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess xhieda.

Ra d-digriet u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tal-hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena l-elfejn u tlettax (2013) illi permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi b’verbal tal-hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-konvenut u l-kjamat in kawza irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Illi din il-kawza titratta minn servizzi rezi sabiex opra tal-bahar li gherqet tittella minn qiegh il-bahar. Kjarament dan ma huwiex kaz ta’ salvatag (salvage) kif isejjahlu l-attur fil-kawza tieghu.

Il-ligi taghna fl-art. 343 tal-Kap 234 tipprovvdi li:-

(1) *Where any vessel, whether Maltese or foreign, is wrecked, stranded or in distress at any place on or near the coasts within the territorial jurisdiction of Malta and services are rendered by any person in assisting that vessel or saving the cargo or apparel of that*

*vessel or any part thereof, or where any services are rendered by any person other than a receiver of wreck in saving any wreck, there shall be payable to the salvor by the owner of the vessel, cargo, apparel, or wreck, a reasonable amount of salvage limited to the amount of the property saved.*

Ir-rekwiziti ta' salvatagg li titlob il-ligi huma principalment erbgha: (a) the service must be rendered to a legally recognized subject of salvage, that is to say, to vessels, their apparel, cargo and merchandise, bunkers, wreck and so-called freight at risk; (b) the service must be voluntary; (c) the subject of the salvage must be in danger and (d) the service must be successful (Ara Marine Services Limited Vs Captain Morgan Leisure Limited Et – Prim Awla 28 ta' Frar 2001).

Fil-kaz in ezami d-dghajsa kieent diga mgharrqa u ghalhekk ma kienx kaz li din tigi salvata minn xi gharqa.

Minkejja li fil-kaz odjern is-servizzi rezi minn l-attur kienu jinkludu in parti l-irmonk, dawn is-servizzi l-anqas jikkwalifikaw bhala 'Towage' fit-termini tal-ligi ghaliex l-irmonk kien xi haga ancillary ghall-irkupru tad-dghajsa minn qiegh il-bahar, fejn id-dghajsa li twasslet sa wicc l-ilma izda mhux 'l fuq, giet irmunkata f'dak l-istat sal-port tal-Imgarr.

Ma hemm l-ebda kontestazzjoni li kienet l-assistenza professjonali ta' l-attur illi kienet strumentali biex din id-dghajsa giet mtella minn qiegh il-bahar u mwassla sax-xatt. Omnia labor obstat premium, u l-attur ghandhu kull dritt jithallas ghas-servizz li ta'. Jidher ukoll illi din kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta l-attur intalab is-servizz minn Francis Magro u l-attur accetta li jaghti l-imsemmi servizz.

Tul il-kawza il-partijiet ikkunsmaw hafna hin jiddibattu kemm kienet tiswa u ma tiswiex id-dghajsa, x'gie salvat minnha, u x'kien it-tghamir ta' fuqha, izda dan huwa kollu irrelevanti, ghaliex galadarba dan ma huwiex kaz ta' salvatagg fit-termini tal-ligi, il-kaz jinkwadra ruhu bhala

talba ghal kumpens ghal servizzi rezi; u huwa f'dan il-kuntest li dan it-tribunal ser jikkunsidra t-talba attrici.

Illi l-attur mar darbtejn bid-dghajsa tieghu fuq il-post fejn kien hemm il-luzzu mgharraq. L-ewwel darba prova jtellghu bil-winc izda ma rnexxilux. L-ghada rega mar u tellghu bl-ghajnuna ta' air bags li hu kera minn ghand Patrick Bugeja. L-attur ghodos hu stess u anke uza s-servizzi ta' bughadds iehor. Gibed id-dghajsa taht wicc l-ilma sal-port tal-Imgarr fejn ghamel madwar saghtejn diehel bil-mod.

Il-provi dwar l-ispejjez minfuqa minn naha tal-attur u dwar kemm giet uzata arja u apparat ma huwa xejn car. Fil-fatt l-attur u x-xhud tieghu Patrick Bugeja ma kienu xejn kredibbli fil-verzjoni taghhom ta' x'intuza f'din l-operazzjoni u x'gie mikri minghand Bugeja. Bugeja jghid illi Lautier kera ghaxar cilindri arja kompressata, filwaqt illi Lautier jghid illi kull ma' uza fl-operazzjoni kollha kienu hames cilindri li kienu tieghu. Bugeja jghid illi l-hlas dovut lilu kien ta' mitejn u hamsa u disghin Ewro (€295) filwaqt illi l-attur jghid illi dan il-hlas kien ta' mitt ewro kollox (€100). Jidher illi Bugeja prova jaghti imbottatura indebita lill-attur fil-kawza tieghu, haga li dan it-tribunal jiddeplora.

Illi fic-cirkostanzi l-ezercizju ta' dan it-tribunal irid jaqa' fuq l-arbitrio boni viri. Wara li qies ic-cirokstanzi kollha tal-irkupru minn qiegh il-bahar ta' dan il-luzzu, fosthom ix-xoghol li involva, il-fond li fih kienet mgharrqa d-dghajsa, id-dedikazzjoni u l-professjonalita tal-attur, l-ispejjes tal-attur, il-hin uzat u l-fatt illi l-operazzjoni ma kinitx wahda semplici izda relattivament ikkomplikata, bicca xoghol li zgur kienet tinvolvi l-hsieb, dan it-tribunal ihoss illi kumpens fl-ammont ta' disa mitt ewro (€900) huwa wiehed gust fic-cirkostanzi. Dan huwa kumpens ghas-servizzi rezi u x'gie salvat mill-luzzu jew le huwa rrilevanti ghal kollox.

Dwar ir-responsabbilita, huwa minnu illi sid il-luzzu l-konvenut qatt ma nnega ir-responsabilita, anzi fir-risposta ghar-rikors tal-5 ta' Gunju 2013, prezentata fl-14 ta' Gunju 2013, l-konvenut jiddikjara li lest li jerfa r-responsabilita u

jghid illi Francis Magro kien qed jagixxi ghan-nom tieghu. Min naha l-ohra kien dejjem Francis Magro li inkariga lil attur u talab is-servizzi tieghu minghajr ma kwalifika l-pozizzjoni tieghu. Ghalhekk dan it-tribunal iqis illi kemm il-kjamat in kawza ghandhom jizammu responsabbli ghall-hlas ta' dan il-kumpens ghal servizzi rezi.

Illi dwar l-ispejjes jidher illi l-pretensjoni ta' l-attur kienet ghal somma ferm ghola minn dik likwidata, u ghalhekk l-attur hu tenut li jispalla parti minn l-ispejjez tal-kawza.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kjamat in kawza kwantu dawn ma humiex kompatibbli ma' dak hawn fuq spjegat, jilqa in parti t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut u kjamat in kawza flimkien u solidament bejnethom is-somma ta' disa mitt ewro (€900). Bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza il-quddiem. L-ispejjes ta' din il-kawza jitbaghtew kwantu ghal kwart minn l-attur innifsu u tlett kwarti mill-konvenut u kjamat in kawza flimkien u solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------